MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 298/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Camilleri Victor**
**ID-484877(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija, sittax-il ewro u tnejn u tmenin centezmu (€716.82c), liema amont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50909821 u 40173119 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok.IZY1 u Dok.IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv bin-numru A/C50909821, Dok.IZY3 u Dok.IZY 4 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv bin-numru A/C40173119, Dok.IZY5 –

estratt mir-Registru Elettorali, u Dok.IZY6 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166° tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija, sittax-il ewro u tnejn u tmenin centezmu (€716.82c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------